**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Joseph Curmi**

Numru: 105/2011

Illum 24 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Curmi**, ta' erbgha u erbghin (44) sena, iben John u Lela nee' Attard, imwieled l-Awstralja nhar il-15 ta' Dicembru, 1966 u residenti fil-fond numru 12, Bambinu, Triq Ghajn Tuta, Fontana, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 371783(M), akkuzat talli nhar l-1 ta' Novembru, 2011, wara nofsinhar gewwa l-post maghruf bhala tal-Gruwa limiti tas-Sannat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer;

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' George Curmi;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu u dan ghad-detriment tal-istess George Curmi;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi filwaqt li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna ta' George Curmi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb kontra l-persuna ta' George Curmi sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ngurja jew hedded lill-persuna ta' George Curmi;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi qabad arma regolari kontra l-persuna ta' George Curmi.

Illi, f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u giet mitluba wkoll tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tordna l-konfiska tal-arma skont l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 250) datata 25 ta' Lulju 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Artikoli 214 u 216(1)(a)(iii)(b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Artikoli 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Artikoli 338(dd), 339(1)(b)(d)(e) u 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
5. Artikoli 383 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-24 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 271), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-25 ta' Lulju 2012, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat il-*Proces Verbal* numru 917/11 redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini (Dok. "JA" – *a fol.* 13 *et seq.*).

Semghet lil-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-*parte civile*.

Ra li l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u anqas ressaq ebda provi.

Rat illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014, il-Qorti kkoncediet zmien lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-difiza sabiex jipprezentaw Nota ta' Sottomissjonijiet, u dana skond it-terminu specifikat fil-verbal tas-seduta msemmija (*a fol.* 302).

Rat illi, fis-seduti tal-11 ta' Frar 2015 u tal-25 ta' Marzu 2015, il-Qorti tat aktar zmien lill-Prosekuzzjoni, lill-*parte civile* u lid-difiza sabiex jipprezentaw Nota ta' Sottomissjonijiet, u dana skond it-termini specifikati fil-verbal tas-seduti msemmija (*a fol.* 305 u 307).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*parte civile* ipprezentata fit-22 ta' Lulju 2015 (*a fol.* 312 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fis-6 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 315 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirrimetti ruhha ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali (*a fol.* 323).

Rat illi din il-kawza kienet qed tinstema flimkien ma' kawza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Curmi** (Kawza Distrett Numru 830/2011) f'liema kawza msemmija, fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 105), il-Qorti laqghet talba sabiex il-provi migbura (inkluz dokumenti) fil-kawza msemmija jkunu japplikaw ghall-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed **Dr. Coronato Grech** (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn spjega li fl-1 ta' Novembru 2011 ezamina lil George Curmi ghax allegatament kien involut fi glieda. Huwa kkonferma c-certifikat mediku rilaxxat minnu, liema certifikat gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "CG 1" (*a fol.* 40).

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 41 *et seq.*) dwar dak li gie nfurmat bih fl-1 ta' Novembru 2011 minn PS 1436 Anthony Schembri wara li George Curmi kien mar l-Ghassa tal-Pulizija u pprezenta certifikat mediku u dan minhabba li kellu xi griehi f'wiccu. Jghid li George Curmi ghamel rapport li gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "FAT 1" (*a fol.* 44 *et seq.*). Jghid li PS 1436 infurmah ukoll li l-imputat kien qed jinzamm l-iSptar peress li kellu xi griehi wkoll. Jghid li ntethet Inkjesta Magisterjali u li fil-prezenza tal-Magistrat ittiehdu xi *swabs* minn fuq l-imputat u dana minhabba l-*gunshot residue* (GSR). Jghid li, sa dan il-hin, l-imputat kien qed jinnega li dakinhar tal-incident kien uza arma u cahad ukoll li kien fl-ghalqa ta' George Curmi. Jghid li aktar tard irrizultalu li l-imputat kien mar l-ghalqa mat-tifel tieghu Samuel Curmi u li mir-residenza tal-imputat gew elevati zewg armi tan-nar u kif ukoll

hames skratacc. Ezebixxa rcevuta mmarkata bhala Dok. "FAT 2" (*a fol.* 49). Jghid li hekk kif l-imputat gie rilaxxat mill-iSptar huwa rrilaxxa stqarrija, li giet immarkata bhala Dok. "FAT 3" (*a fol.* 50 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li George Curmi kien ghamel dikjarazzjoni li kienet giet konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **George Curmi** (*a fol.* 54) wara li, fil-prezenza tal-konsulent legali tieghu, gie nfurmat li kellu l-ghazla li ma jixhidx sabiex ma jinkriminax ruhu u hu xorta wahda ghazel li jixhed. Spjega li dakinhar tal-akkadut huwa mar l-ghalqa fis-Sannat ghal xi 11.00am-12.00pm fejn kien hemm zewg persuni go l-ghalqa tieghu u staqsa lill-imputat x'kienu qed jaghmlu. Jghid li lil dan il-persuna qallu biex ma jidholx aktar hemm u dan hareg il-barra. Jixhed li dan il-persuna rega' mar hdejh u qallu li kellu hadida li kellu mal-bieb tal-kamra. Jghid: *"Staqsejtu x'hadida hi. Qalli hadida. Ergajt ghidtlu din il-hadida fejn qieghda. U qalli qieghda mal-bieb tal-kamra. U ghidtlu qghadt iddurli mal-kamra wkoll? Hawnhekk go hwejgi dan. Hemm hajt forsi fih erba' filati. Fih erba' filati. Inzilt minnu ghax kien imwaqqa'. Inzilt minnu jien. Il-hadida kienet fejn il-kamra. Nizel warajha. Waqajna fuq xulxin u ma nafx x'gara. Insista biex jehodha"* (*a fol.* 55). Jghid din il-hadida kienet twila madwar tmien jew disa' pulzieri. Jghid: *"Telgha fuq ir-rih u qalli ghax noqtlok. Ghidtlu dawwar dak is-senter minn hemm. Qbadt gebla u tfajtielu"* (*a fol.* 55). Jghid ukoll li hu (George Curmi) qabad il-pala u beda jxerrieha biex jipprova jnehhielu s-*senter*, rehieha u l-imputat spara. Jghid li hu (George Curmi) mar wara l-kamra u l-imputat rega' tefa skartocc gos-*senter*, hu kien imwerwer mill-imputat u mbaghad rah hiereg il-barra. Jghid: *"Jien qbadt il-karozza, u hrigt il-barra. Kif wasalt minn gol-ghalqa taghna stess biex nara hux gej xi hadd minn fuq, indawwar wicci hekk, u jcapcapli daqqa hekk. Hu kien barra u jien kont fil-karozza"* (*a fol.* 56). Jghid li mbaghad mar jaghmel rapport l-Ghassa u li lill-imputat ma kienx jafu. Jghid li s-*senter* kien ippuntat lejh (lejn George Curmi) u li x'hin l-imputat spara, spara lejh. Jghid li fil-hin li l-imputat ipponta s-*senter* lejh, hu kien madwar disa' piedi 'l boghod. Jghid li dan il-hin l-imputat kien sejjer lejn it-triq.

In kontro-ezami jghid li warajh (wara George Curmi) kien hemm sigar. Jichad li ta xi daqqa bil-pala lill-imputat. Jghid li bil-pala huwa mar biex idawwar is-*senter* lill-imputat. Jichad li f'xi hin mess lill-imputat. Jiddeskrivi li hu mar ghall-virga li kienet fuq il-hajt u li l-imputat insista li jehodha hu u spiccaw waqghu ma' xulxin u kawza ta' din il-waqgha, l-imputat ghamel il-griehi li sofra. Jghid li hu kien taht u li l-imputat imbaram fuqu.

In ri-ezami gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija li tidher *a fol.* 9 *et seq.* tal-*process verbal* (*a fol.* 24 *et seq.* tal-process).

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2014 (*a fol.* 274 *et seq.*), jghid li meta l-Pulizija accedew fuq il-post huwa ndikalhom fejn kien sparalu l-imputat u jispjega li l-imputat spara lejn il-kamra u jghid li hemm ukoll is-sigar. Ghad-domanda: *"Liema sigra jekk hemm hafna sigar, indikajtilhom liema sigra partikolari?"* (*a fol.* 275), wiegeb: *"Iva, spara direzzjoni tieghi hekk, 'il fuq"* (*a fol.* 275). Jikkonferma li x'hin l-imputat spara, hu (George Curmi) tbaxxa. Jghid li l-Pulizija sabu l-iskratacc vojta u li dawk mimlijin instabu fejn il-kamra tieghu.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **Max Xuereb** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn ezebixxa sbatax (17) il-ritratt mehuda minnu li gew immarkati bhala Dok. "MX 1" (*a fol.* 67 *et seq.*).

In kontro-ezami u in ri-ezami, li saru fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 282 *et seq.*), gie mistoqsi numru ta' domandi rigward ir-ritratti mehuda minnu.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, xehed ukoll **PS 1464 Michael Portelli** (*a fol.* 79) fejn qal li flimkien ma' PS 1346 u l-Ufficjal Prosekutur Tabone, in segwitu tal-akkadut gabru zewg armi minn ghand l-imputat.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 289 *et seq.*), jghid li l-iskratacc uzati nstabu fil-vicinanza tal-kamra u jghid li kienu f'distanza ta' madwar hames (5) metri minn sigra.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehdu l-**Brigadier Maurice Calleja** u **PS 602 Jonathan Attard** (*a fol.* 89 *et seq.*) wara li fl-1 ta' Novembru 2001 kienu gew nominati mill-Magistrat Inkwirenti biex jezaminaw skratacc sparati u skratacc ikkargati u zewg snieter u sabiex jghidu jekk dawn l-iskratacc kienux sparati minn xi wiehed minn dawn iz-zewg snieter. Jinghad: *"Ahna ghamilna l-ezamijiet taghna, sparajna s-snieter u nistghu nikkonfermaw illi skartocc tad-ditta Bashieri and Pellagri u skartocc tad-ditta Cheddite li kienu jiffurmaw parti minn dokument 11CSF07 kienu gew sparati mis-senter dokument 11CSF03 li ghandu numru ta' registrazzjoni E03233-95. Iz-zewg skratacc l-ohra ma tawx rizulati"* (*a fol.* 89). Ir-rapport redatt minnhom gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "MC" (*a fol.* 91 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2014 (*a fol.* 303 *et seq.*), ghad-domanda: *"[M]eta bniedem jispara l-iskartocc, il-bullets, intom tkun tistghu tafu fejn jispiccaw"* (*a fol.* 304), it-twegiba kienet: *"Fejn jispiccaw le. Is-senter ikollu comb zghir, ikollu xi mitejn comba go fih. Dawk ma ssibhomx"* (*a fol.* 304).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed ukoll l-i**Spizjar Mario Mifsud** (*a fol.* 100) wara li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jaghmel analizi ghall-prezenza ta' *gunshot residue* fuq dokumenti li kienu gew moghtija lilu. Huwa pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "MM 1" (*a fol.* 102 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 279 *et seq.*), jghid li huwa rcieva esebiti li gew mehuda biss mill-imputat. Jghid: *"Li nista' nghid jiena hu li jew spara jew li kien vicin hafna lejn arma li giet sparata"* (*a fol.* 280). Jghid: *"fuq id ix-xellugija ta' Joseph Curmi instabet particella, fuq id il-leminija t-tnejn. Jigifieri dan b'xi mod kellu handling tal-arma ghax kellu l-particelli [...]"* (*a fol.* 281).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 1346 Anton Schembri** (*a fol.* 159 *et seq.*) rigward ir-rapport li mar jaghmel l-Ghassa l-*parte civile* George Curmi fl-1 ta' Novembru 2011. Jghid li hekk kien qed jiehu l-verzjoni ta' George Curmi, dahal l-Ghassa tal-Pulizija l-imputat u ibnu. Jghid li l-imputat cahad li kien spara u cahad li kien dahal fl-ghalqa. Jghid li l-imputat urieh x'griehi sofra

u ezebixxa certifikat mediku tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "AS 1" (*a fol.* 165). Jghid li mar fuq il-post tal-incident flimkien ma' xi ufficjali ohra tal-Pulizija. Jixhed li George Curmi qallu: *"nahseb it-tir habat ma' din is-sigra", qalli però spara zgur biex ibezzaghni"* (*a fol.* 160). Jghid li gabar tlett skratacc. Jghid li mid-dar tal-imputat gew elevati zewg snieter u kif ukoll xi skratacc. Jghid li setgha jara xi griehi kellu fuqu l-*parte civile* George Curmi.

**L-eks PS 1346 Anton Schembri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 262) fejn ikkonferma r-rapport redatt minnu li jinsab immarkat bhala Dok. "FAT 1" (*a fol.* 44 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> u in <u>ri-ezami</u>, li saru fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 297 *et seq.*) jghid li huwa sab skratacc mhux uzati vicin il-kamra li hemm fl-ghalqa. Jghid li sab ukoll skratacc uzati, u anke friski, almenu wiehed minnhom, fl-ghalqa fejn il-*parte civile* George Curmi indikalu li ra lill-imputat jispara u jigbor xi tajr. Jghid: *"Qed nghid li jidhru li kienu friski ghax wiehed minnhom kien iserrah fuq haxixa irqiqa jigifieri bil-fors li kien ghadu kemm waqa' dak il-hin ghax anke ftit tar-rih kien iwaqqghu"* (*a fol.* 298). Jghid li hemm dizlivell. Ghad-domanda: *"Però nghid sew li ghal hdejn il-kamra ma tissejjahlux vicin hafna hafna tal-kamra?"* (*a fol.* 298), wiegeb: *"Le mhux vicin vicin hafna le"* (*a fol.* 298). Ghad-domanda: *"L-isparatura li qed jghid George Curmi ndikalek fejn Joseph Curmi kien qed jigbor l-istrunell, fejn indikalek illi sehhet din l-isparatura minn dawn ir-ritrtti? Kont se nistaqsih fejn qal li spara George Curmi"* (*a fol.* 299), wiegeb: *"Skont il-verzjoni li tani George Curmi stess hemm zewg episodji. Hemm l-episodju tal-isparar fuq xi tajr li George Curmi jahseb li kien sturnell u jahseb li rah jigbor go borza sewda. [....] U mbaghad hemm episodju iehor fejn dan gie mhedded"* (*a fol.* 299). Ghad-domanda: *"Però fejn spara ghal sturnell sibt l-iskratacc"* (*a fol.* 300), wiegeb: *"Iva. Sibt l-iskratacc vojta"* (*a fol.* 300). Ghad-domanda: *"U fejn qed tghid li Joseph Curmi spara ghal George Curmi ma sibt xejn"* (*a fol.* 300), wiegeb: *"Sibt l-iskratacc mimlijin. Dak il-hin George Curmi qalli li hemmhekk x'hin Joseph Curmi spara rega' beda jimla s-senter bil-munizzjon"* (*a fol.* 300). Jghid: *"Dan spara lejn izjed 'il fuq"* (*a fol.* 301).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 369 Joseph Mizzi** (*a fol.* 166) fejn qal li l-imputat ghandu licenzjati fuq ismu tlett (3) armi tan-nar. Ezebixxa d-dokument li xehed fuqu li gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 167).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehdet ukoll **Nadia Gatt** (rapprezentanta ta' *Transport Malta – a fol.* 168) fejn qalet li sal-31 ta' Mejju 2012 vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAX 841 kienet issejjah lill-imputat u li kienet ilha registrata fuqu mis-sena 1996.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012 (*a fol.* 87 u 88) gie verbalizzat hekk: *"Dr. Angele Formosa b'riferenza ghax-xhieda moghtija minn Nadia Gatt taqbel li ma tergax tigi prodotta biex tixhed dwar l-identita' tal-imputat bhala sid tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAX 841 u dana peress illi taqbel illi mhux ikkontestat illi l-vettura msemmija hija dik tal-imputat"* (*a fol.* 88).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2012, xehed **PS 612 Theo Vella** (*a fol.* 180) fejn spjega li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti biex jaghmel GSR *swabbings* fuq il-persuna tal-imputat. Jghid li l-kampjuni elevati gew mghoddija lill-espert l-iSpizjar Mario Mifsud. Huwa ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "TV 1" (*a fol.* 182 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 295 *et seq.*) ikkonferma li huwa ha *swabs* tal-imputat pero jghid li ma hax *swabs* minn fuq il-*parte civile* George Curmi.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2012, xehdu wkoll **PS 74 Mark Chetcuti** u **PC 637 Kevin Manicolo** (*a fol.* 191), li gew nominati mill-Magistrat Inkwirenti, fejn ezebew r-relazzjoni taghhom li giet immarkata bhala Dok. "MC 2" (*a fol.* 194 *et seq.*). Ezebew ukoll il-pala (Dok. "MC 1" – *a fol.* 193) li giet elevata. Jghidu li gew elevati wkoll xi oggetti ohra.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **Dr. Julian Portelli** (*a fol.* 206) fejn qal li dakinhar tal-akkadut huwa ezamina lill-imputat fid-Dipartiment tal-Emergenza fl-iSptar Generali ta'

Ghawdex. Jghid: *"kien hemm grif in-naha tax-xellug tal-id, xi tbengil ukoll fin-naha tal-epigastric u n-naha ta' fuq taz-zaqq in-naha tal-lemin u l-left hip groin area"* (*a fol.* 206). Jghid li minn *x-rays* li ttiehdu ma jidhirx li kien hemm fratturi. Huwa kklassifika l-griehi sofferti mill-imputat bhala *"slight nature save complications"* (*a fol.* 206). [Ic-certifikat rilaxxat minnu jinsab immarkat bhala Dok. "AS 1" (*a fol.* 165)].

**Dr. Julian Portelli** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 259 *et seq.*) fejn jghid li ma jafx ma xiex inhuma kompatibbli l-griehi sofferti mill-imputat.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012, jghid li m'huwiex f'pozizzjoni jghid biex l-imputat laqqat id-daqqiet. Jghid pero li ma jahsibx li dawn gew kagunati b'*sharp object*. Jghid li sa fejn jiftakar hu l-imputat ma kellux ferita miftuha u li kellu tbengil u brix.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **PC 905 Joseph Portelli** (*a fol.* 210 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien ma' PS 1346 Schembri u PC 1279 fuq il-post tal-akkadut. Huwa spjega x'sabu. Jghid: *"U x'hin ghidna jigifieri lil George fejn seta' forsi d-direzzjoni mmira s-senter qal li ghal bejn il-kamra u s-sigra. Fil-fatt kien hemm xi bicca sigra qieghda maqtugha digà mqaccta u rrizulta li kienet iz-zokk kien ilu niexef jigifieri fejn forsi jista' jikkonferma s-surgent ukoll"* (*a fol.* 210).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **PC 1279 David Theuma Scerri** (*a fol.* 212 *et seq.*) fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 905 Portelli.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehed **Dr. Mario Scerri** (*a fol.* 232 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu, li gie mmarkat bhala Dok. "MS 1" (*a fol.* 234 *et seq.*), liema rapport gie mhejji wara li huwa ezamina lill-*parte civile* George Curmi. Jghid li l-*parte civile* Curmi kellu zewg cikatrici li jidhru minn *talking distance.*

**Ikkunsidrat**

Illi, fi stqarrija (Dok. "FT 2" – *a fol.* 24 *et seq.*) rilaxxata minn George Curmi lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone wara li l-*parte civile* Curmi nghata dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ghazel la ma jiehux dan id-dritt (Dok. "FT 1" – *a fol.* 23), huwa ta dettalji fuq l-istess linji li xehed quddiem il-Qorti. Huwa jghid ukoll li hekk kif wasal l-ghalqa u ra lill-imputat u tifel, rahom jigbru xi sturnell mill-art. Jghid ukoll: *"Malli telgha 'l fuq dan ir-ragel gie fuq ir-rih tieghi u pponta s-senter lejn id-direzzjoni tieghi u qalli li kien se joqtolni. Jiena dak il-hin qbadt xi gebel li sibt mal-hajt u tfajthomlu ma nafx jekk ilqattux jew le imma ma jidhirliex li lqattu, imbaghad qbadt il-pala biex intajjarlu s-senter bil-pala u dak il-hin spara tir. Jiena dak il-hin dort wara l-kamra u bqajt hemmhekk ghax bzajt minnu"* (*a fol.* 25). Jghid li aktar tard l-imputat tah daqqa go wiccu u f'dan il-hin hu nizel ghall-imputat u tefaghlu gebla (lill-imputat) u nfurmah li kien ser jaghmillu rapport. Jghid li meta l-imputat spara, huma kienu distanti madwar disa' piedi minn xulxin. Jghid li meta l-imputat spara, huwa (l-imputat) kien qed jipponta fuq ir-rih tieghu. Jghid: *"Li kieku ried joqtolni, kien joqtolni faciment ghax kien qrib hafna"* (*a fol.* 26). Il-Qorti tinnota li l-istqarrija (Dok. "FT 2" – *a fol.* 24 *et seq.*) giet konfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Paul Coppini (*a fol.* 27).

**Ikkunsidrat**

Illi, fi stqarrija (Dok. "FAT 3" – *a fol.* 50 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat Joseph Curmi lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Frank Anthony Tabone wara li l-imputat nghata dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ha dan id-dritt, jghid li wara li hu u ibnu kienu ghadhom kemm sparaw sturnell, wara xi hin mar il-*parte civile* George Curmi u beda jghidilhom biex johorgu minn fejn kienu u li hu (George Curmi) beda jaghtihom bil-pala. Jghid li hu u ibnu harbu jigru u wara xi hin George Curmi beda jaghtihom bil-gebel. Jichad li f'xi hin hu (l-imputat) hedded lill-*parte civile* George Curmi anzi jghid li kien il-*parte civile* li heddu. Jghid li huwa spara t-tiri qabel ma mar il-*parte civile* u li dawn sparhom ghall-isturnell. Jichad li f'xi hin hebb ghall-*parte civile*. Jghid li x'hin spara hu, fl-ebda hin ma kien ra lill-*parte civile*. Jghid li lill-*parte civile* ma messux u li kull ma ghamel kien li laqa' biss bil-pala. Jikkonferma

li lill-Pulizija ma kienx qalilhom li dakinhar tal-akkadut kien spara arma u baqa' jghid hekk anke quddiem il-Magistrat Inkwirenti peress li kien qed jirreferi ghall-fatt li ma kienx spara l-ebda arma fit-triq.

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza l-imputat jinsab akkuzat b'diversi imputazzjonijiet li huwa allegatament wettaq dakinhar tal-1 ta' Novembru 2011 meta nholoq argument mal-*parte civile*. Jirizulta, fost l-ohrajn, li filwaqt li l-*parte civile* Curmi jallega li l-imputat spara lejh u li kien l-imputat li mar ghalih, l-imputat jichad dan.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzjoni illi x-xiehda moghtija mill-*parte civile*, meta huwa ddeskriva x'ghamel fil-konfront tieghu l-imputat u kif gew kagunati l-feriti sofferti minnu, hija aktar kredibbli. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-komportament tal-*parte civile* fuq il-pedana tax-xhud, id-depozizzjoni moghtija minnu quddiem il-Qorti, liema depozizzjoni baqghet konsistenti ma' dak li huwa ta bil-gurament quddiem il-Magistrat tal-Ghassa, il-fatt li l-imputat ghall-ewwel cahad li kien mar fl-ghalqa tal-*parte civile* u li kien spara, il-fatt li jirrizulta li fuq l-imputat irrizultaw particelli li jfisser li kellu uzu ta' arma tan-nar, il-konkluzjonijiet raggunti mill-esperti tal-ballistika nominati fl-inkjesta, u kif ukoll il-fatt li fuq il-post tal-akkadut instabu skratacc uzati u kif ukoll mhux uzati. Il-Qorti ma teskludiex li l-imputat kien effettivament spara ghall-sturnell, pero hija tinsab sodisfatta li dan gara qabel l-akkadut mal-*parte civile*. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tikkunsidra li l-verzjoni moghtija mill-*parte civile* hija wahda kredibbli u li tirrifletti dak li gara dakinhar tal-akkadut.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi sabiex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet wahda wahda addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li l-imputat fil-kawza odjerna ma huwiex f'pozizzjoni li jinvoka l-legittima difesa jew li gie provokat. Il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad s-segwenti:

> "Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull

bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioé it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu *stante* li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioé li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."

Illi, dwar l-element ta' l-inevitabilita` il-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu **Lectures in Criminal Law**, Part I, jghid hekk (pagna 104):

*"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi, minn qari akkurat ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li l-imputat jista' jinvoka l-

legittima difesa *da parte* tieghu u dana *stante* li ma jirrizultax li saret xi difiza da parte tieghu *"biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur"*, u dana kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** kwotata hawn fuq.

Illi, kif diga nghad aktar il-fuq, lanqas ma jista' jigi nvokat l-iskuzanti tal-provokazzjoni. Di fatti, riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta' Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Sant** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni necessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza [...] bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni".

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Feriti ta' Natura Gravi fuq il-Persuna ta' George Curmi)</u>**:
Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

> "Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi filwaqt li l-*parte civile* jiddeskrivi fid-dettall dak li kkaratterizza l-argument bejnu u l-imputat u kif huma spiccaw fuq xulxin, il-*parte civile* jghid ukoll li l-imputat tah daqqa fuq wiccu hekk kif hu kien fil-vettura. Il-Qorti tinnota wkoll li minkejja li Dr. Coronato Grech ikkonferma l-kontenut tac-certifikat mediku (Dok. "CG 1" – *a fol.* 40) rilaxxat minnu, f'liema certifikat Dr. Grech ikklasiffika l-griehi sofferti mill-*parte civile* bhala *"injuries of slight nature save complications"* (*a fol.* 40), fir-rapport (Dok. "MS 1" – *a fol.* 234 *et seq.*) redatt minn Dr. Mario Scerri, li gie nominat mill-Qorti, jirrizulta li l-*parte civile* kellu cikatrici fuq wiccu li huma vizibbli minn *talking distance*. Ghaldaqstant, m'hemmx dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Biza' li ser tintuza Vjolenza)</u>**:
Illi l-Qorti taghmel taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti

tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> "Biex ikun hemm ħtija taħt l-Artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: *'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'*. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-Artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din *a course of conduct* fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".

Illi l-Artikolu tal-Ligi, cioé Artikolu 251B(1) jghid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-provi mismugha minn din il-Qorti, il-Qorti tikkonkludi li ma giex pruvat il-*course of conduct* li huwa rikjest sabiex jissusisti dan ir-reat u dana *stante* li dak li gara dakinhar tal-1 ta' Novembru 2011 bejn il-*parte civile* u l-imputat kien incident wiehed u kontinwu u ghaldaqstant l-imputat mhux ser jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess ta' Arma tan-Nar, Arma Regolari ecc)</u>**:
Illi din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata tant li l-imputat kellu senter li sparah fil-hin tal-argument. Ghaldaqstant, l-imputat ser jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Ir-Raba' (4), il-Hames (5), is-Sitt (6) u s-Seba' (7) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Hebb; Ingurja/Theddid; Ksur tal-Bon-Ordni; Qbid ta' Arma):</u>**

Illi taht l-erba' imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija l-imputat qed jigi akkuzat b'numru ta' kontravenzjonijiet. Dawn l-imputazzjonijiet jirrizultaw kollha kemm huma pruvati u dana *stante* li gie pruvat is-segwenti: l-imputat hebb ghall-*parte civile* u ngurjah, huwa kiser il-*breach of public peace*[1] u kif ukoll qabad arma regolari kontra l-*parte civile*. Ghaldaqstant, l-imputat ser jinstab hati tal-erba' imputazzjonijiet imsemmija.

**<u>Artikolu tal-Ligi ndikat BISS fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali (*a fol.* 250)</u>**:
**<u>Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**:
Illi l-Avukat Generali jidhirlu li l-imputat ghandu jinstab hati ta' dan l-Artikolu li jghid hekk:

> "Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min [...] (d) bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi".

Illi riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008, fejn il-Qorti qalet hekk:

> "[G]ie sottomess fil-kors tad-dibattitu orali quddiem din il-Qorti illi l-ewwel imputazzjoni postulata fl-inciz (d) ta' l-Artikolu 340 tal-Kapitolu 9 ma kienetx tregi ghax kien jonqos l-element tal-hsara tas-sid jew tad-detentur. Wiehed necessarjament jifhem illi l-"hsara" ghal liema tirreferi l-kontravenzjoni fl-artikolu succitat trid tkun wahda materjali jew, almenu, ta' pregudizzju ghall-proprjeta' jew ghad-detenzjoni".

Illi, in segwitu ta' dan, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li effettivement bl-azzjoni tal-imputat Curmi gie kommess il-"hsara" rikjest taht Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ma giex

[1] Il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. M'hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern.

pruvat xi hsara sofra l-*parte civile* u ghaldaqstant l-imputat mhux ser jinstab hati tal-Artikolu msemmi.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad fuq, l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: l-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjoni. L-imputat ser jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew addebitati lilu u li gew pruvati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti: in-natura ta' dawn l-imputazzjonijiet u l-gravita' ta' uhud minnhom (b'mod partikolari l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni). Il-Qorti tinnota li dak li ghamel l-imputat fil-konfront tal-*parte civile* setgha kellu konsegwenzi ferm u ferm aktar serji. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghandha tkun wahda ta' prigunerija, it-terminu ta' liema m'ghandux ikun wiehed effettiv pero ghandu jkun sospiz bl-intiza cara li l-imputat jifhem li dak li ghamel huwa hazin u jaghraf ma jergghax jirripetih.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ta' Artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ndikat fin-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 25 ta' Lulju 2012 u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat in-Nota ta' Rinviju msemmija u senjatament Artikoli 214, 216(1)(a)(iii), 216(1)(b), 338(dd), 339(1)(b), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Joseph Curmi hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum.

Il-Qorti tordna, *ai termini* ta' Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konfiska ta' *shot gun* Beretta EO 322/95 **u**, *ai termini* ta' Artikolu 57 tal-Kapitolu msemmi, tissospendi l-licenza mahruga taht l-Att dwar l-Armi (Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta) u tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu xi licenza taht dan l-Att għal zmien ta' sena.

Il-Qorti, wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' George Curmi.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas fi zmien xahar millum l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri, u cioé is-somma ta' elf, tlitt mija u tmienja u disghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€1398.87).[2]

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

[2] Is-Sur Max Xuereb: €75.00 (*a fol.* 78 *tergo*); Brigadier Maurice Calleja et: €302.38 (*a fol.* 98); Spizjar Mario Mifsud: €487.19 (*a fol.* 108 *tergo* u 157 *tergo* ); PS 612 Theo Vella: €72.21 (*a fol.* 189); PS 74 Mark Chetcuti et: €243.78 (*a fol.* 201); Dr. Mario Scerri: € 218.31 (*a fol.* 247).